2024/1987

31.7.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1987

tat-30 ta' Lulju 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/915 fir-rigward tal-livelli massimi tan-nikil f'ċerti prodotti alimentari

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jistabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 ([2]) jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fil-prodotti alimentari.

(2) In-nikil huwa komponent mifrux tal-qoxra tad-Dinja u jinsab kullimkien fil-bijosfera. Il-preżenza tiegħu fl-ikel tista' tirriżulta kemm minn sorsi naturali kif ukoll minn sorsi antropoġeniċi.

(3) Fl-2015, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat Opinjoni Xjentifika dwar ir-riskji għas-saħħa pubblika relatati mal-preżenza tan-nikil fl-ikel u fl-ilma tax-xorb ([3]). L-opinjoni identifikat it-tossiċità riproduttiva u tal-iżvilupp bħala l-effett kritiku għall-karatterizzazzjoni tar-riskju tal-esponiment orali kroniku għan-nikil. Ir-reazzjonijiet ta' intensifikazzjoni tal-ekżema u reazzjonijiet allerġiċi li jsiru agħar ġew identifikati bħala l-effett kritiku tal-esponiment orali akut għan-nikil ta' bnedmin li huma sensittivi għan-nikil.

(4) Id-*data* relatata mal-okkorrenza tan-nikil fl-ikel u fl-ilma tax-xorb kienet disponibbli fi 15-il Stat Membru. Madankollu, minħabba l-fatt li 80 % tad-*data* kollha miġbura ngħabret fi Stat Membru wieħed, l-Awtorità kkonkludiet li se jkun meħtieġ sett tad-*data* iktar mifrux għall-verifika tal-okkorrenza tan-nikil fl-ikel madwar l-Unjoni.

(5) Permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1111 ([4]), l-Istati Membri ġew irrakkomandati jimmonitorjaw il-preżenza tan-nikil fl-ikel fl-2016, fl-2017 u fl-2018, sabiex jiġbru aktar *data* dwar l-okkorrenzi.

(6) Filwaqt li qieset din id-*data* ġdida dwar l-okkorrenzi kif ukoll id-disponibbiltà ta' informazzjoni xjentifika ġdida, fl-24 ta' Settembru 2020, l-Awtorità adottat aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju tan-nikil fl-ikel u fl-ilma tax-xorb ([5]).

([1]) ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1993/315/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 tal-25 ta' April 2023 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1881/2006 (ĠU L 119, 5.5.2023, p. 103, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/915/oj).
([3]) Bord tal-EFSA dwar il-kontaminanti fil-katina tal-ikel tal-EFSA (CONTAM); Scientific Opinion on the risks to public health related to the presence of nickel in food and drinking water. *EFSA Journal* 2015;13(2):4002, https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2015.4002.
([4]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1111 tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-monitoraġġ tan-nikil fl-ikel (ĠU L 183, 8.7.2016, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/reco/2016/1111/oj).
([5]) Bord tal-EFSA dwar il-kontaminanti fil-katina tal-ikel tal-EFSA (CONTAM); Scientific Opinion on an update of the risk assessment of nickel in food and drinking water. *EFSA Journal* 2020;18(11):6268, https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2020.6268.

(7) L-Awtorità kkonkludiet li n-nikil jista' jikkawża effetti kemm kroniċi kif ukoll akuti. Abbażi tal-effett kroniku kritiku tat-telf tat-tqala, l-Awtorità stabbiliet doża tollerabbli ta' kuljum (TDI) ta' 13 μg/kg ta' piż tal-ġisem u l-Awtorità kkonkludiet li din it-TDI nqabżet fit-trabi li telqu jimxu, fit-tfal ta' bejn is-36 xahar u l-10 snin kif ukoll, f'xi każijiet, fit-trabi. Għalkemm it-telf tat-tqala mhuwiex effett rilevanti għall-gruppi ta' età żgħira, it-TDI hija wkoll protettiva għal effetti oħra rilevanti għall-gruppi ta' età iżgħar bħall-effetti newrotossiċi. Għalhekk, l-Awtorità kkonkludiet li l-qbiż tat-TDI jista' jqajjem tħassib dwar is-saħħa f'dawk il-gruppi ta' età żgħira. L-awtorità kkonkludiet li l-effetti akuti kritiċi huma reazzjonijiet ta' intensifikazzjoni tal-ekżema fil-ġilda li jseħħu fi bnedmin sensitizzati għan-nikil, li tikkonċerna madwar 15 % tal-popolazzjoni, li l-aktar livell baxx ta' effett negattiv osservat għal dawk l-effetti akuti huwa ta' 4,3 μg nikil/kg piż tal-ġisem u li huwa meħtieġ marġni ta' esponiment (MOE) ta' 30 jew ogħla biex jipproteġi kontra dawk l-effetti. Dan l-MOE ta' 30 mhux miksub għall-esponiment medju u tal-95 perċentil, u dan iqajjem tħassib dwar is-saħħa għall-individwi sensitizzati għan-nikil.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli massimi fl-ikel għan-nikil biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem.

(9) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/915 jiġi emendat skont dan.

(10) Jenħtieġ li jiġi pprovdut perjodu ta' żmien raġonevoli għall-operaturi tan-negozji tal-ikel biex ikunu jistgħu jadattaw għal-livelli massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(11) Fid-dawl tal-fatt li ċerti oġġetti tal-ikel koperti minn dan ir-Regolament għandhom ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa twila jew jistgħu jiġu pproċessati fi prodotti b'ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa twila, l-oġġetti tal-ikel li tqiegħdu fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jitħallew jibqgħu fis-suq.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2023/915 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 10(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-frażi introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ikel imqiegħed legalment fis-suq qabel id-dati msemmija fil-punti (a) sa (p) jista' jibqa' fis-suq sad-data ta' durabbiltà minima tiegħu jew sad-data sa meta għandu jintuża:";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(o) L-1 ta' Lulju 2025 fir-rigward tal-livelli massimi għan-nikil stabbiliti fl-entrata 3.6 tal-Anness I, bl-eċċezzjoni tal-livelli massimi għan-nikil stabbiliti fil-punti 3.6.11.1 sa 3.6.11.5 tal-Anness I;

(p) L-1 ta' Lulju 2026 fir-rigward tal-livelli massimi għan-nikil stabbiliti fil-punti 3.6.11.1 sa 3.6.11.5 tal-Anness I.";

(2) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Lulju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fit-Taqsima 3: “Metalli u elementi oħra” tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2023/915, tiżdied l-entrata li ġejja:

“3.6	**Nikil**	Livell massimu (mg/kg)	Kummenti
3.6.1	Ġewż tas-siġar		Il-livell massimu japplika għall-parti li tittiekel. Il-livell massimu ma japplikax għall-ġewż tas-siġar għat-tisħiq jew għar-raffinar taż-żejt, dment li l-ġewż tas-siġar ippressat li jifdal ma jitpoġġiex fis-suq bħala ikel. F’każ li l-ġewż tas-siġar ippressat li jifdal jitqiegħed fis-suq bħala ikel, japplika l-livell massimu, filwaqt li jitqies l-Artikolu 3(1) u (2).
3.6.1.1	Ġewż tas-siġar għajr il-prodotti elenkati fil-punt 3.6.1.2	3,5	
3.6.1.2	Qastan, ġewż tal-arżnu, ġewż, ġewż tal-Brażil u ġewż tal-anakardju	10	
3.6.2	Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi u ħxejjex tal-basla	0,90	Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel. Fir-rigward tal-patata l-livell massimu japplika għall-patata mqaxxra.
3.6.3	Ħxejjex tal-frott	0,40	Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel.
3.6.4	Ħxejjex tal-brassika	0,50	Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel.
3.6.5	Ħaxix tal-weraq		Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel.
3.6.5.1	Ħxejjex tal-weraq ħlief il-prodotti elenkati fil-punt 3.6.5.2	0,50	
3.6.5.2	Ħxejjex aromatiċi friski	1,2	
3.6.6	Legumi		Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel.

3.6.6.1	Legumi ħlief il-prodotti elenkati fil-punt 3.6.6.2	1,0	
3.6.6.2	Fażola tas-sojja/edamame (*Glycine max*)	6,0	
3.6.7	Ħxejjex taz-zokk	0,40	Il-livell massimu japplika għall-piż niedi. Il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel.
3.6.8	Ħaxix tal-baħar		Għall-ħaxix tal-baħar niexef, il-livell massimu japplika għall-prodott kif imqiegħed fis-suq. Għall-ħaxix tal-baħar frisk, il-livell massimu japplika wara l-ħasil u s-separazzjoni tal-parti li tittiekel. Għall-ħaxix tal-baħar frisk, il-livell massimu japplika fuq bażi ta' materja niexfa. (*)
3.6.8.1	Ħaxix tal-baħar minbarra l-prodotti elenkati fil-punt 3.6.8.2	30	
3.6.8.2	Wakame	40	
3.6.9	Bus		
3.6.9.1	Bus minbarra l-prodotti elenkati fil-punt 3.6.9.2	4,0	
3.6.9.2	Fażola niexfa u lupini/fażola tal-lupini niexfa	12	
3.6.10	Żrieragħ taż-żejt		Il-livell massimu ma japplikax għaż-żrieragħ taż-żejt għat-tisħiq u għar-raffinar taż-żejt, sakemm iż-żrieragħ taż-żejt ippressati li jifdal ma jitqegħdux fis-suq bħala ikel. Fil-każ li l-bqija taż-żrieragħ taż-żejt ippressati jitqiegħdu fis-suq bħala ikel, japplika l-livell massimu, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 3(1) u (2).
3.6.10.1	Żerriegħa tal-ġirasol	8,0	
3.6.10.2	Karawett	12	
3.6.10.3	Fażola tas-sojja	15	
3.6.11	Ċereali		Il-livell massimu ma japplikax għaċ-ċereali użati għall-produzzjoni tal-birra jew tad-distillati, dment li r-residwu taċ-ċereali li jifdal ma jitqegħidx fis-suq għall-konsumatur finali bħala ikel. F'każ li r-residwu taċ-ċereali li jifdal jitqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali bħala ikel, japplika l-livell massimu, filwaqt li jitqies l-Artikolu 3(1) u (2).
3.6.11.1	Ċereali ħlief il-prodotti elenkati fil-punti 3.6.11.2, 3.6.11.3, 3.6.11.4 u 3.6.11.5	0,80 Mill-1 ta' Lulju 2026	

3.6.11.2	Qamħ durum (*Triticum durum*) u ross ħlief prodotti elenkati f'3.6.11.3	1,5 Mill-1 ta' Lulju 2026	
3.6.11.3	Ross imfesdaq	2,0 Mill-1 ta' Lulju 2026	
3.6.11.4	Psewdo ċereali u millieġ	3,0 Mill-1 ta' Lulju 2026	
3.6.11.5	Ħafur	5,0 Mill-1 ta' Lulju 2026	Il-livell massimu japplika għall-ħbub tal-ħafur mingħajr il-ħliefa li ma tittikilx. Sabiex jiġi kkalkulat il-livell massimu għall-ħbub tal-ħafur bil-ħliefa li ma tittikilx, jeħtieġ li jiġi applikat fattur tal-ipproċessar ta' 1,5, li jirriżulta f'livell massimu ta' 7,5 mg/kg għall-ħafur bil-ħliefa li ma tittikilx.
3.6.12	Prodotti tal-kawkaw u taċ-ċikkulata ([14])		
3.6.12.1	Ċikkulata tal-ħalib b'kontenut totali ta' solidi niexfa tal-kawkaw ta' < 30 %	2,5	
3.6.12.2	Ċikkulata tal-ħalib b'kontenut totali ta' solidi niexfa tal-kawkaw ta' ≥ 30 %	7,0	
3.6.12.3	Trab tal-kawkaw u trab tal-kawkaw bix-xaħam imnaqqas imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali jew bħala ingredjent fit-trab tal-kawkaw dolċifikat jew fiċ-ċikkulata f'forma ta' trab imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali (ċikkulata tax-xorb)	15	
3.6.13	Formuli tat-trabi, formuli tal-prosegwiment, ikel għal skopijiet mediċi speċjali maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar ([3]) u formuli tat-tfal żgħar ([4])		Il-livell massimu japplika għall-prodott kif imqiegħed fis-suq.
3.6.13.1	imqiegħda fis-suq bħala trab ħlief il-prodotti elenkati fil-punt 3.6.13.2	0,25	
3.6.13.2	imqiegħda fis-suq bħala trab u manifatturati mill-iżolati tal-proteina tas-sojja, waħedhom jew f'taħlita ma' proteini tal-ħalib tal-baqar	0,40	
3.6.13.3	imqiegħda fis-suq bħala likwidu	0,10	
3.6.14	Ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali għat-trabi u għat-tfal żgħar ([3])	3,0	Il-livell massimu japplika għall-prodott kif imqiegħed fis-suq.
3.6.15	Ikel tat-trabi ([3]) ħlief il-prodotti elenkati fil-punt 3.6.16.	0,50	Il-livell massimu japplika għall-prodott kif imqiegħed fis-suq.

3.6.16	Meraq tal-frott ([9]), nektar tal-frott ([9]) u meraq tal-ħaxix inkluż meraq tal-frott ([9]), nektar tal-frott ([9]) u meraq tal-ħaxix maħsub bħala ikel tat-trabi ([3]).		
3.6.16.1	Meraq tal-frott, nektar tal-frott u meraq tal-ħaxix ħlief il-prodotti elenkati fil-punt 3.6.16.2	0,25	
3.6.16.2	Meraq tal-frott u nektar tal-frott li fihom il-meraq u nektar minn frott tal-passjoni, frott tal-kawkaw, u minn frott żgħir u berries u ilma tal-ġewż tal-Indi	1,0	

(*) Il-materja niexfa hija ddeterminata f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 333/2007 tat-28 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi l-metodi tat-teħid ta' kampjuni u ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tal-livelli ta' mikroelementi u ta' kontaminanti tal-ipproċessar fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 88, 29.3.2007, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2007/333/oj).".